**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 12 ta' Frar 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Tran Manh Hung**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Tran Manh Hung ta' 27 sena, imwieled Vietnam, nhar l-10 t' Awwissu 1996, bin Nhuong Van Tran u Tin Thi Nguyen, residenti 131 Zerniq, Flat 2, Triq it-Torri Msida, detentur tal-passaport Vietnamiz bin-numru C5817674.

Akkuzat talli fix-xahar ta' Ottubru 2023 u/jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-gzejjer:

1. Renda ruhu komplici flimkien ma' persuni ohra sabiex b'wiehed mill-mezzi msemmijin fl-Artikolu 179, jaghmel falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;
Art.42 u 187 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Renda ruhu komplici flimkien ma' persuni ohra sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarrazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;
Art. 42 u 187 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. Renda ruhu komplici flimkien ma' persuni ohra sabiex jaghmel falsifikazzjoni ohra jew xjentement jaghmel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, mhux imsemmija fil-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta;
Art. 42 u 189 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Rat il-kunsens tal-Avukat Generali moghti ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-prosekuzzjoni.

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tad-difiza.

**IL-FATTI**

6. Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma in succint is-segwenti:

1. Fil-5 ta'Ottubru 2023 fit-tmienja ta' fil-ghodu (8.00a.m.), il-Pulizija tal-Ghassa ta' tas-Sliema ircivew telefonata mill-ufficini tal-entita Identity Malta, li infurmathom li kien hemm persuna li kienet applikat ghal permess ta' residenza go Malta, li ipprezentatilhom email li kellhom suspett li kien iffalsifikat, ghax l-indirizz tar-residenza taghha fuq l-email ma kienx jaqbel mal-kuntratt ta' kiri tar-residenza. Il-Pulizija marru fl-ufficini ta' Identity Malta u arrestaw lil Phong Thanh Nguyen, persuna ta' nazzjonalita Vjetnamiza. L-imputat kien qieghed

ukoll fl-ufficini ta' Identity Malta, u identifika ruhu mal-Pulizija bhala l-interpretu ta' Phong.

2. Waqt l-interrogazzjoni tieghu mill-ispettur Jonathan Ransely, Phong stqarr li hu qatt ma kien mar joqghod fl-indirizz imsemmi fil-kuntratt ta' kiri, u lanqas kien kellem lill-persuna imnizzla bhala s-sid fil-kuntratt, izda li kien hallas hames mitt Euro (€500) lill-imputat sabiex jaghtih kuntratt ta' kiri sabiex igib il-permess tar-residenza. L-imputat kien ukoll qieghed l-ghassa ghaliex mar minn jeddu, peress li Phong kien gie arrestat.

3. L-ispettur Ransley baghat ghall-imputat, u l-imputat qallu li Phong ma kienx hallas lilu, izda kien tah mija u sebghin Euro (€170) sabiex igiblu l-kuntratt in kwistjoni minghand ragel jismu Sasho u tah in-numru tal-mobile ta' dan Sasho. Dan l-isem kien familjari ghall-Pulizija ghaliex f'dawk il-granet kien qed jigi investigat fuq diversi kuntratti ta' kiri foloz, u n-numru tal-mobile li ta l-imputat qabel man-numru tal-mobile ta' Sasho li kellhom il-Pulizija. Ghaldaqstant, l-ispettur Ransely informa lill-imputat bid-drittijiet tieghu, u infurmah li ha jigi arrestat.

4. L-ghada, 6 t'Ottubru 2023, saret tfittxija fir-residenza tal-imputat l-Imsida, fejn fil-kamra tieghu instabu diversi dokumenti ta' Identity Malta, u f'basket li l-imputat identifika bhala tieghu instabu *inter alia* sitt elef u hames mitt Euro (€6,500) flus kontanti, f'bankanoti ta' mija, mitejn u hamsin Euro.

5. Konsegwentement, il-Pulizija istitwiet il-proceduri kriminali odjerni kontra l-imputat.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar il-htija**

<u>*Il-Legalita tal-Istqarrija tal-Imputat*</u>

7. Qabel il-Qorti tghaddi biex tikkonsidra l-imputazzjonijiet fil-meritu taghhom, ikun opportun li l-Qorti l-ewwel tiddeciedi dwar it-talba tad-difiza fis-sottomissjonijiet finali sabiex din il-Qorti tiskarta l-istqarrija tal-imputat. Id-difiza tissottometti illi l-imputat

ma inghatax id-drittijiet tieghu skond il-ligi qabel l-interrogatorju tieghu, u dan stante li huwa ma giex mistoqsi jekk iridx ikellem avukat, u ma irrinunzjax bil-miktub ghall-assistenza legali qabel u waqt l-interrogatorju.

8. Mix-xhieda tal-ispettur Jonathan Ransley jirrizulta li wara li l-imputat gie mgharraf bid-drittijiet tieghu fil-gurnata li fiha gie arrestat, u cioe fil-5 t'Ottubru 2023, hu ghazel li jkellem avukat u fil-fatt kien kellem lill-avukat tal-ghajnuna legali Dottor Mattia Felice ghall-habta tas-sitta ta' fil-ghaxija (6.00p.m.). L-interrogatorju ma sarx immedjatament wara, izda sar fis-7 t'Ottubru 2023 fl-ghaxra neqsin kwart ta' fil-ghodu (9.45am), u ma kienx hemm avukat prezenti, pero gie imnizzel li l-imputat ghazel li jikkonsulta mal-avukat tal-ghajnuna legali Dottor Mattia Felice fil-5 t'Ottubru 2023 ghall-habta tas-sitta ta' fil-ghaxija (6.00pm).[1] L-ispettur Ransley xehed li ladarba l-imputat kien kellem lill-avukat fil-5 t'Ottubru 2023, hu ma hassx il-htiega li jerga' jinfurma lill-imputat bid-dritt tieghu li jkellem avukat qabel l-interrogatorju li sar fis-7 t'Ottubru 2023.[2]

9. L-Artikolu 355AUA tal-Kodici Kriminali jippreskrivi hekk:

*"(1) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt ta' aċċess għal avukat fil-ħin u b'tali mod li jħalliha teżerċita d-drittijiet ta' difiża tagħha b'mod prattiku u effettiv.*

*(2) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalità, il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mill-mument li sseħħ l-ewwel waħda minn dawn il-ġrajjiet:*

*(a) qabel ma tkun interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja fir-rigward tat-twettiq ta' reat kriminali; ... ...*

[1] Ara fol. 8 tal-process.
[2] Ara fol. 24-26 tal-process.

(b) *mat-twettiq minn awtoritajiet investigattivi jew awtoritajiet kompetenti oħra ta' xi att ta' natura investigattiva jew att ta' kollezzjoni ta' evidenza oħra skont is-subartikolu (8)(e);*

(ċ) *mingħajr ebda dewmien wara li tkun ġiet imċaħħda l-libertà;*

(d) *meta tkun ġiet imħarrka sabiex tidher quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, f'qasir żmien qabel ma titressaq quddiem dik il-qorti.*

… …

*(6) Meta l-persuna miżmuma tagħżel li ma tfittixx assistenza legali l-Pulizija Eżekuttiva, l-uffiċjal li jkun qiegħed jinvestiga jew kull awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja għandhom jirrekordjaw dan il-fatt bil-miktub fil-preżenza ta' żewġ xhieda u malli jsir dan tibda l-interrogazzjoni minnufih. … …*

*(8) Id-dritt ta' aċċess għal avukat għandu jfisser dan li ġej:*

(a) *il-persuna suspettata jew akkużata, jekk tkun għażlet li teżerċita d-dritt tagħha għall-assistenza legali, u l-avukat tagħha, għandhom ikunu infurmati bl-allegat reat li għalih il-persuna suspettata jew akkużata ser tkun interrogata. Dik l-informazzjoni għandha tingħata lill-persuna suspettata jew akkużata qabel ma tibda l-interrogazzjoni, liema ħin m'għandux ikun inqas minn siegħa qabel ma tibda l-interrogazzjoni;*

(b) *il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li tiltaqa' u tikkomunika fil-privat mal-avukat li jirrappreżentaha, inkluż interrogazzjoni minn qabel mill-pulizija jew minn awtorità oħra ta' infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;*

(ċ) *il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni. … …"*

10. Fil-kaz odjern huwa pacifiku bejn il-partijiet li malli gie arrestat fil-5 t'Ottubru 2023, l-imputat gie infurmat bid-drittijiet tieghu u hu ghazel li jikkommunika mal-avukat tal-ghajnuna legali. Pero qabel ma sar l-interrogatorju fis-7 t'Ottubru 2023 – kwazi erbghin (40) siegha wara - l-imputat ma regghax gie mistoqsi mill-Pulizija jekk iridx jerga' jikkomunika ma' avukat, jew jridx li l-avukat ikun prezenti ghall-interrogatorju. In vista tat-trapass qawwi ta' hin bejn meta l-imputat ikkonsulta mal-avukat u l-hin li fih sar l-interrogatorju, il-Qorti hija tal-opinjoni li sabiex ikun jista' jezercita d-dritt tieghu ghall-assistenza legali b'mod prattiku u effettiv, l-Ufficjal Investigatur kellu d-dover li jsaqsi lill-imputat jekk iridx jerga' jitkellem mal-avukat tieghu u/jew jekk iridx li l-avukat tieghu ikun prezenti ghall-interrogazzjoni.

11. Dan aktar u aktar impellenti fil-kaz odjern stante li jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Ransley, li fis-6 ta' Ottubru 2023, l-imputat kien talab li jkellem avukat privat partikolari, pero l-Pulizija ma setghetx taghmel kuntatt ma' dan l-avukat. L-ispettur Jonathan Ransley xehed hekk: *"(A)hna ghednielu 'isma l-avukat ghadu ma qabadniex, ghadu l-habs" u hu minn jeddu qal 'isma' ma rridx avukat' fir-realta kien kellem avukat il-gurnata ta' qabel. Qal "Se naghmel l-istatement"."*[3] Minn din ix-xhieda huwa ovvju li l-imputat ried jerga' jkellem avukat qabel l-interrogatorju, imbaghad jidher li irrinunzja ghal dan id-dritt, peress li l-avukat privat li ried ikellem ma setghax jigi ikkuntatjat. La darba kien hemm din ir-rinunzja, allura din ir-rinunzja kellha tigi irrekordjata bil-miktub, kif jesigi l-Artikolu 355AUA(6) fuq citat, u bis-salvagwardji preskritti fl-Artikolu 355AUG tal-Kodici Kriminali.

12. La darba din ir-rinunzja ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju ma gietx irrekordjata bil-mod preskritt mil-ligi, allura jsegwi li l-istqarrija tal-imputat ma ittiehditx skond il-ligi u konsegwentement ghandha tigi skartata. Ghalkemm ma gietx mitluba mid-difiza, bhala konsegwenza logika, il-Qorti ser tiskarta wkoll dik il-parti tax-xhieda tal-ispettur Jonathan Ransley dwar x'qal l-imputat waqt l-istqarrija u r-riferenza li ghamel ghall-kontenut tal-istqarrija waqt it-trattazzjoni orali.

[3] Ara fol. 25 tal-process.

*L-Ewwel Imputazzjoni – Komplicita fil-Falsifikazzjoni ta' Skrittura Privata*

13. L-ewwel imputazzjoni hija ta' komplicita fil-falsifikazzjoni ta' skrittura privata.

14. Phong xehed li hu sar jaf lill-imputat minghand habib t'ohtu fil-Germanja. Huwa kien ilu hawn Malta xi xahar u gie Malta sabiex isib impjieg. Hawn Malta, hu kien joqghod fl-istess appartament mal-imputat u zewg persuni ohra. Huwa qal li hu ma jaf xejn, li kien l-imputat li ha hsieb kollox, li hu ma kien iffirma l-ebda ftehim ta' lokazzjoni, u li qatt ma ghex fil-fond 136, Flat 4, Triq Luqa Briffa Gzira, il-fond mikri lilu skond l-iskrittura ta' lokazzjoni li ipprezenta lil Identita Malta.[4] Huwa qal li l-kuntratt ta' kirja ta' dan il-fond kien tahulu l-imputat u li kien ghad irid ihallas lill-imputat hames mitt Euro (€500). Kien ukoll l-imputat li hadu l-ufficini ta' Identita Malta fil-5 t'Ottubru 2024, meta gie arrestat.[5]

15. Sasho Stoilkovsi xehed li hu kien iffalsifika cirka ghaxar kuntratti ta' kiri ta' appartamenti ghall-imputat sabiex terzi persuni jinhargilhom permess sabiex jirrisjedu Malta, pero ma kienx jaf jekk dawn il-persuni gewx effettivament joqghodu Malta jew le. L-imputat kien jiehu dawn il-kuntratti minghandu sabiex igib nies mill-Vietnam jghixu Malta, stante li wahda mill-kundizzjonijiet biex tinhargilhom visa biex jghixu Malta hu li jkollhom kuntratt ta' lokazzjoni. Huwa qal li kien jithallas mija u sebghin Euro (€170) ghal kull kuntratt. Kien l-imputat li ikkuntattjah l-ewwel, u huma kienu jikkominkaw tramite WhatsApp, u l-imputat kien jibghatlu d-dokumenti bil-WhatsApp. L-imputat kien imur ghandu biex jigbor il-kuntratti. Huwa ikkonferma li d-dokument JR5[6] hija l-kommunikazzjoni bil-WhatsApp bejnu u bejn l-imputat. Huwa ikkonferma li d-dokument JR6[7] hija l-lista ta' persuni li hadu l-kuntratti ta' lokazzjoni foloz minghandu. Hu ikkonferma li l-kuntratti ta' lokazzjoni kien jiktibhom hu stess.[8]

16. Id-difiza tissottometti li d-deposizzjoni tax-xhud Phong ma tistghax tigi ikkunsidrata bhala wahda "safe" [sic] stante li x-xhud qal li ma jaf xejn, tant li l-prosekuzzjoni iddikjaratu xhud ostili, u qratlu l-istqarrija li huwa kien irrilaxxa lill-Pulizija. Id-difiza

---

[4] Ezebita a fol. 73 tal-process.
[5] Ara fol. 28 *et seq.* tal-process.
[6] A fol. 77 tal-process.
[7] A fol. 83 tal-process.
[8] Ara fol. 103 tal-process.

issottomettiet ukoll li stqarrija mehuda fid-Depot tal-Pulizija bla gurament u fl-assenza tal-imputat ma tistax tikkostitwixxi testimonjanza moghtija *viva voce* quddiem l-imputat u bil-gurament.

17. F'dan il-kaz kien altru milli ovvju li waqt ix-xhieda tieghu Phong kien rikalcitranti ghall-ahhar u kien qed jixhed b'mod evaziv u jostor il-verita', billi jghid li ma jaf xejn x'kien qed jigri, u li kulma ghamel kien dak li qallu biex jaghmel l-imputat. Ghalhekk il-Prosekuzzjoni kellha ragun tiddikjarah xhud ostili. Id-disposizzjonijiet relevanti dwar xhud ostili huma l-Artikolu 584 u 586 tal-Kodici ta' Procedura Civili rezi applikabbli ghal dawn il-proceduri bl-Artikolu 645 tal-Kodici Kriminali.

18. L-Artikolu 584 tal-Kodici ta' Procedura Civili jippreskrivi hekk:

*"Il-parti li ġġib ix-xhud ma tistax tattakka l-kredibbiltà tiegħu bi provi tal-kondotta ħażina tiegħu, iżda hija tista' tikkontradiċih bi provi oħra, u tista' wkoll tipprova li f'okkażjonijiet oħra huwa kien għamel dikjarazzjonijiet li ma jaqblux max-xiehda li jkun qiegħed jagħti."*

19. L-Artikolu 586 tal-Kodici ta' Procedura Civili jippreskrivi hekk:

*"586.(1) Qabel ma tiġi attakkata l-kredibbiltà ta' xhud bi provi li f'okkażjonijiet oħra huwa kien għamel dikjarazzjonijiet li ma jaqblux max-xiehda tiegħu, għandhom jingħadu lilu dawk id-dikjarazzjonijiet biċ-ċirkostanzi taż-żmien, tal-lok u tal-persuni preżenti u huwa għandu jiġi mistoqsi jekk kienx għamel jew le dawk id-dikjarazzjonijiet; u għandu jiġi lilu mogħti li jispjegahom.*

*(2) Jekk dawk id-dikjarazzjonijiet kienu saru bil-miktub, għandhom jiġu murija lix-xhud qabel ma ssirlu ebda mistoqsija fuqhom. Ix-xhud għandu jwieġeb għal kull mistoqsija li l-qorti tippermetti li ssir.*

20. Kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-11 t'Ottubru 2023[9] u mit-traskrizzjoni ta' depozizzjoni ta' Phong,[10] wara li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara lil Phong xhud ostili, huwa qralu l-istarrija li hu kien irrilaxxa lill-Pulizija, u ipprezenta kopja taghha fl-atti ta' dawn il-proceduri.[11] Il-Qorti staqsiet lil Phong jekk hu jikkonfermax li hu irrilaxxa dik l-istqarrija, u Phong iddikjara li qed jikkonferma dik l-istqarrija.

21. Fin-nota ta' sottomissjonijiet id-difiza tghid li *"kull ma ghamlet il-prosekuzzjoni kien li qratlu l-istatement u wara hafna tittubar ikkonferma li huwa ghamel dak l-istatement. Ben che li l-Qorti tista' tapprezza ferm li fil-verita l-istess xhud ma kienx jaf x'qal fl-istess statement."*[12] Dawn l-asserzjonijiet hallew lil din il-Qorti kemmxejn perplessa. Fl-ewwel lok, kif jirrizulta mit-traskrizzjoni ta' xhieda, ma kien hemm l-ebda titubar biex Phong ammetta li ghamel l-istatement – effettivament huwa wiegeb id-domanda li saritlu mill-Qorti mill-ewwel. Lanqas ma l-Qorti tista' taqbel li x-xhud ma kienx jaf x'qal fl-istatement. Kif jirrizulta mix-xhieda ta' Phong stess, meta kien qed jittehidlu l-istatement, huwa kien debitament assistit minn interpretu mill-lingwa Ingliza ghall-lingwa Vjetnamiza, u meta xehed f'dawn il-proceduri kien assistit minn interpretu mil-lingwa Vjetnamiza ghal lingwa Ingliza, u minn interpretu iehor mil-lingwa Ingliza ghal-lingwa Maltija. Din il-Qorti, li kellha l-opportunita tisma' lil Phong jixhed *viva voce*, bl-ebda mod ma dahlilha dubbju li f'xi hin Phong ma kien jaf x'qed jghid u/jew x'qed jikkonferma. L-istqarrija giet tradotta lilu bil-lingwa Vjetnamiza u hu ma kellu l-ebda ezitazzjoni li jikkonferma l-kontenut taghha bil-gurament tieghu.

22. Ghaldaqstant, jirrizulta ampjament li Phong ikkonferma l-istqarrija in konformita mal-ligi procedurali, bil-gurament tieghu *viva voce* fil-Qorti quddiem l-imputat. Id-difiza kellha kull opportunita li taghmel kontro-ezami lil dan ix-xhud, inkluz ovvjament li issaqsieh domandi fuq il-kontenut tal-istqarrija tieghu lill-Pulizija. Fil-fatt id-difiza ghamlet kontro-ezami lil dan ix-xhud. Konsegwentement, is-sottomissjoni tad-difiza li t-testimonjanza ta' Phong ma tikkostitwix testimonjanza *viva voce* quddiem il-Qorti u quddiem l-imputat hija legalment u fattwalment infondata.

[9] A fol. 17 tal-process.
[10] A fol. 28 *et seq.* tal-process
[11] A fol. 27 tal-process.
[12] A fol. 172 tal-process.

23. Ghal dak li jirrigwarda il-valur probatorju li ghandu jinghata lil din l-istqarrija u lill-kumplament tax-xhieda ta’ Phong, u cioe jekk dak li qal fl-istqarrija u fix-xhieda tieghu hux minnu (fis-sens li verament sehh dak li jinghad fihom, u li ghalhekk dawn mhux xi montatura) din hija kwistjoni ta’ apprezzament tal-provi, li trid tigi deciza minn din il-Qorti fid-dawl tal-provi l-ohra kollha migbura.

24. Rigward ix-xhud Sasho Stoilkovski, id-difiza tissottometti li dan ix-xhud fl-ebda hin ma qal li huwa informa lill-imputat li l-iskritturi ta’ lokazzjoni in kwistjoni kienu foloz, u allura ghandu jigi presunt li l-imputat kien in buona fede.

25. L-imputat offra d-deposizzjoni tieghu, li fiha qal li huwa mar kellem lil Sasho *in buona fede* sabiex jassisti lil Phong persuna tan-nazzjonalita tieghu li kien qed jirriskontra diffikultajiet biex jillegittima l-permanenza tieghu hawn Malta. Huwa qal li Phong kellu bzonn isib jikri appartament fi zmien hamest ijiem minhabba Identity Malta. Hu qal li Sasho kellu jaghmel kuntratt ta’ kera ghal Phong. Huwa spjega li hu kellem lil Sasho ghax hu haseb li Sasho kien jipprovdi servizz ta’ kiri ta’ appartamenti. Spjega li kien ftiehem ma’ Sasho li jiltaqa’ mieghu f’post specifiku l-Gzira, u Sasho kien qed jistennieh barra hdejn binja fejn kien hemm appartament ghal kiri, u jghid li hu fehem li hemmhekk post fejn jaghtu s-servizz ta’ kiri. Hu jghid li kien ilu jaf lil Sasho ghal iktar minn sena, u kien jitolbu l-ghajnuna ghal nies bhal Phong. Huwa jghid ukoll li dejjem iltaqa’ ma’ Sasho barra u mhux go bini.[13]

26. Mix-xhieda ta’ Sasho f’dawn il-proceduri, jirrizulta ampjament li huwa kien regolarment jigi mitlub jiffalsifika kuntratti ta’ lokazzjoni ghal persuni ta’ nazzjonalita barranija sabiex dawn il-persuni jipprezentawhom lill-awtoritajiet kompetenti Maltin, sabiex jottjenu permess li jirrisjedu Malta. Il-Prosekuzzjoniipprezentat kopja ta’ estratt minn ledger li instab fir-residenza ta’ Sasho waqt it-tfittxija li saret mill-Pulizija. Dan il-ledger jikkontjeni lista ta’ persuni barranin li Sasho iffalsifika kuntratt ta’ lokazzjoni ghalihom.[14] Dan gie wkoll ikkonfermat minn Sasho waqt ix-xhieda tieghu.[15] Waqt ix-xhieda tieghu Sasho gharaf lill-imputat u qal li ghalkemm ma jafx ismu jaf li kunjomu huwa Tran,[16] u li l-imputat kien ordna diversi kuntratti ta’ kiri minghandu ghal terzi

[13] Ara fol. 145 *et seq.* tal-process.
[14] Ara Dok JR6 a fol. 83 tal-process.
[15] Ara fol. 101 tal-process.
[16] Ara fol. 99 tal-process.

persuni u mbaghad jmur ghandu biex jigborhom. Minn ezercizzju li ghamlet din il-Qorti, jirrizulta li l-kelma “Tran” tidher tminn (8) darbiet hdejn isem ta’ persuna ohra barranija f’dan l-estratt tal-ledger, pero zewg entrati minnhom huma ingassati.[17] Wiehed minn dawn l-ismijiet huwa “Hguyen Thanh Phong”,[18] li l-Qorti m’ghandhix dubbju huwa x-xhud Phong li xehed f’dawn il-proceduri.

27. Fix-xhieda tieghu, l-imputat ammetta li huwa kienu imur ghand Sasho sabiex igib kuntratti ta’ kiri, fosthom ghal Phong, pero jghid li huwa dejjem agixxa *in buona fede* biex jghin lil Vjetnamizi ohra jigu jghixu hawn Malta, u li Sasho qatt ma qallu li dawn il-kuntratti huma falsifikati, u hu ma kienx jaf li kienu iffalsifikati. Din il-Qorti m’ghandhix ezitazzjoni tghid li l-verzjoni tax-xhieda tal-imputat ma hix kredibbli. L-imputat qed jippretendi li din il-Qorti temmen – imqar sal-grad tal-probabbli – li huwa kien jitlob lil Sasho jaghmillu kuntratti ta’ kiri ghal terzi persuni, ghax genwinament kien jahseb li Sasho joffri servizzi ta’ kiri ta’ proprjetajiet, u mbaghad huwa kien jigbor il-kuntratti relattivi debitament iffirmati mis-sid u mill-inkwilin minghand Sasho, u dan minghajr ma t-terza persuna – u cioe l-inkwilin fil-kuntratt, ossia l-imputat ghan-nom tieghu – ikun qatt ra l-post li se jikri, innegozja mas-sid, ossia ma Sasho bhala agent tas-sid, il-kundizzjonijiet tal-kirja, inkluz l-ammont tal-kera, u iffirma l-kuntratt. Huwa altru li ovvju li din il-verzjoni tal-fatti m’ghandiex mis-sewwa. Huwa sinifikanti wkoll li l-imputat xehed li hu dejjem iltaqa’ ma’ Sasho barra fit-triq u mhux go binja – li jfisser li l-imputat qatt ma ra l-appartamenti li kienu suppost ser jigu mikrija lit-terzi u lanqas ghamel xi forma ta’ negozjati dwar il-kundizzjonijiet tal-kirja ma’ Sasho, ghax negozjati simili ma jsirux fit-triq.

28. Mill-WhatsApp chats ezebiti mill-Prosekuzzjoni,[19] jirrizulta li l-ewwel kuntatt li kien hemm bejn l-imputat u Sasho kien fit-28 ta’ Lulju 2022. Fix-xhieda tieghu Sasho ikkonferma li dawn kienu l-WhatsApp chats bejnu u bejn l-imputat.[20] Minn dawn ic-chats jirrizulta li l-imputat kien regolarment jibghat lil Sasho kopja tal-passaport ta’ terzi persuni u d-dettalji personali taghhom sabiex jaghmlilhom kuntratt ta’ kiri u/jew l-inkartament necessarju mal-Awtorita tad-Djar, u jiftiehem mieghu meta jmur ghal dawn

---

[17] Ara fol. 85 tal-process.
[18] Ara fol. 85 tal-process.
[19] Ara Dok JR 5 a fol. 77 tal-process, u r-rapport tal-espert Keith Cutajar a fol. 124 tal-process.
[20] Ara fol. 101 tal-process.

id-dokumenti. Xi drabi dawn il-kuntratti ta' kiri kienu jkunu lesti fi zmien gurnata jew tnejn.[21] Mill-esperjenza tal-hajja ta' kuljum hu ovvju li wiehed ma jsibx post ghal kiri u jinnegozzja l-kundizzjonijiet tieghu mil-lum ghal ghada u minghajr lanqas biss ma l-inkwilin jew xi hadd ghan-nom tieghu jara u jispezzjona l-post li se jinkera. Minn dawn il-WhatsApp chats jirrizulta wkoll li kien l-imputat li ta d-dettalji ta' Phong lil Sasho,[22] kif ukoll indikalu d-data li minnha kellha tibda tiddekorri l-kirja, u d-durata tal-kirja.[23] Jirrizulta wkoll li Sasho kien jithallas mija u sebghin Euro (€170) ghal kull kuntratt falz li jaghmel,[24] kif ikkonferma Sasho waqt ix-xhieda tieghu.

29. Huwa rilevanti wkoll li waqt it-tfittxija fir-residenza tal-imputat, il-Pulizija sabu s-somma ta' €6,500 fi flus kontanti. Waqt ix-xhieda tieghu, l-imputat ma ghamel l-ebda riferenza ghal dan il-fatt, jew prova joffri xi spjegazzjoni ghall-provvenjenza ta' dawn il-flus. Mill-provi jirrizulta li l-imputat kien impjegat ta' Giovanni Calleja u kien jircievi salarju nett f'idejh ta' bejn elf u mitt Euro (€1,100) u elf u tlett mitt Euro (€1,300) fix-xahar. Giovanni Calleja xehed li hu dejjem hallas lill-imputat bir-Revolut.[25] Mill-atti jirrizulta wkoll li l-imputat kien jikri fond flimkien ma' zewg persuni ohra ghal kera mensili ta' elf Euro (€1000), kif ukoll mitejn Euro (€200) ohra fix-xahar bhala depozitu akkont tal-hlas tad-dawl u ilma.[26] Ghaldaqstant, l-imputat kien jonfoq ghall-inqas cirka erba mitt Euro (€400) mill-paga tieghu ghall-kiri tar-residenza tieghu. Dan apparti l-flus li kellu bzonn jonfoq biex ghall-hajja ta' kuljum. Tenut kont tal-ammont ta' salarju nett tieghu, is-sejba ta' €6,500 fil-pussess tieghu, li fil-maggoranza taghhom kienu f'denominazzjonijiet ta' €100 u €200 hija suspettuza hafna, iktar u iktar meta wiehed jikkonsidra li hu kien jircievi s-salarju fil-kont tieghu tar-Revolut, u kif inhuwa risaput – u dan hu fatt li l-Qorti tista' tiehu *judicial cognizance* tieghu - mhux normali li ATM tati karti ta' €200 u €100 meta wiehed jigbed il-flus. Ghalkemm dawn huma provi indizzjarji – ossia *circumstantial evidence* – dawn il-provi huma wkoll univoci u jippuntaw kollha lejn direzzjoni wahda, u cioe li l-imputat kien jitlob hlas tajjeb ghas-"servizzi" li kien jaghti biex jottjeni kuntratti ta' kiri foloz lil terzi persuni. Fil-fatt Phong xehed li hu kellu jaghti lill-imputat l-ammont ta' €500 ghall-kuntratt li ipprovdielu.

[21] Ara per ezempju l-iskambju tac-chats bejn l-20 u l-21 ta' Settembru 2022, u bejn l-24 u l-25 t'Ottubru 2022.
[22] Ara chats tat-2 ta' Gunju 2023.
[23] Ara c-chats tas-6 ta' Gunju 2023.
[24] Ara c-chats tat-2 ta' Mejju 2023.
[25] Ara xhieda ta' Giovanni Calleja a fol. 92 tal-process.
[26] Ara l-kuntratt ta' lokazzjoni a fol. 37 tal-process.

30. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest minnha fil-kamp kriminali li l-imputat kien jaf li l-kuntratti ta' kiri ghal terzi persuni li kien qed jordna u jigbor minghand Sasho kienu foloz.

31. L-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi:

*"Persuna titqies kompliċi f'delitt jekk hija –*
*(a) tkun tat ordni lil ħaddieħor biex jagħmel id-delitt; jew*
*(b) tkun ġiegħlet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi, jew egħmil qarrieqi,inkella b'abbuż ta' awtorità jew setgħa, inkella li tkun tat istruzzjonijiet biex isir id-delitt; jew*
*... ... jew*
*(e) tkun xewxet lil ħaddieħor inkella saħħet il-volontà tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf miegħu jew tikkompensah."*

32. Mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li l-imputat kien komplici fil-falsifikazzjoni ta' skritturi privati, u senjatament ta' kuntratti ta' kiri, fit-termini ta' dawn il-paragrafi tal-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali u tal-Artikolu 187(1) tal-istess Kodici.

33. Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

*<u>It-Tieni Imputazzjoni – Komplicita f'Dikjarazzjoni Falza lil xi Awtorita Pubblika</u>*

34. Mill-provi prodotti jirrizulta ampjament wkoll li l-imputat kien ben konsapevoli li l-kuntratti ta' lokazzjoni foloz kienu intizi sabiex jigu uzati minn terzi persuni sabiex jinghataw lill-Awtorita tad-Djar u lill-Identity Malta, sabiex dawn it-terzi persuni jottjenu permess ta' residenza hawn Malta.

35. Inoltre, jirrizulta wkoll li tal-inqas fil-kaz ta' Phong, l-imputat mar fizikament ma' Phong u ipprezenta d-dokument iffalsifikat lill-ufficjali tal-entita Identity Malta.

36. Konsegwentement, il-Qorti issib lill-imputat hati wkoll ta' din it-tieni imputazzjoni.

*It-Tielet Imputazzjoni – Komplicita sabiex jaghmel falsifikazzjoni jew uzu ta' dokumenti foloz*

37. Din l-imputazzjoni taht l-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali tikkontempla falsifikazzjoni jew uzu ta' dokumenti foloz, mhux imsemmija fl-artikoli precedenti tal-Kodici Kriminali. Hu ovvju li din l-imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel u t-tieni imputazzjoni.

38. In vista tal-fatt li din il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni hija sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-tielet imputazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

39. Fir-rigward tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li fiz-zmien li ilu hawn Malta, l-imputat ma kellu l-ebda kundanna mill-Qrati Maltin. Mill-atti jirrizulta li huwa ilu jahdem ma' Giovanni Calleja sentejn.[27]

40. Hija ikkunsidrat ukoll li l-imputat ma illimitax ruhu milli jkun komplici fl-iffalsifikar ta' kuntratti ta' lokazzjoni u komplici f'dikjarazzjonijiet foloz lill-awtoritajiet pubblici biex "jghin" b'mod altruwistiku lil Vjetnamizi ohra li riedu jigi jahdmu hawn Malta, izda irrizulta wkoll li huwa sfrutta s-sitwazzjoni vulnerabbli ta' dawn il-persuni minn pajjizu stess billi kien jitlob hlas mhux insifikanti ghall-"ghajnuna" li kien qed jipprovdilhom. Fi kliem iehor huwa kien qed jaqla' l-flus minn fuq daharhom, kif tixhed is-somma ta' €6,500 in kontanti li nstabet fil-pussess tieghu.

41. Kif sewwa irrileva l-Ufficjal Prosekutur fit-trattazzjoni orali f'dan ic-cirku ta' kriminalita, Sasho kien il-mastermind filwaqt li l-imputat kien il-middleman. Mit-

[27] Ara fol. 92 tal-process.

trattazzjoni orali jirrizulta li Sasho gie ikkundannat sena prigunerija, pero il-Qorti tifhem li Sasho irregistra ammissjoni bikrija, stante li l-mandat ta' arrest u tfittxija fil-konfront tieghu gie ezegwit fl-10 t'Ottubru 2023 - u cioe tlett (3) ijiem wara li nbdew il-proceduri odjerni – ammetta fl-istqarrija u s-sentenza fil-konfront tieghu inghatat fl-24 ta' Ottubru 2023,[28] u ghalhekk seta' jixhed f'dawn il-proceduri. Ghaldaqstant din il-Qorti m'ghandhix dubbju li Sasho ibbenefika minn riduzzjoni fil-piena stante li irregistra ammissjoni bikrija, u ma heliex il-hin u r-rizorsi tal-forzi tal-ordni u ta' din il-Qorti.

42. Fil-kaz odjern, wara li jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-ligi rilevanti ghall-assorbiment tal-piena, il-piena minima ghar-reati li l-imputat instab hati taghhom hija ta' seba' (7) xhur prigunerija u multa u l-piena massima hija ta' erba' (4) snin prigunerija, li tlett snin minnhom huma bir-rekluzjoni.

**Konkluzjoni**

43. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni fil-konfront tal-imputat;

2. Wara li rat l-Artikoli 42(a)(b) u (e) u 187(1) u l-Artikoli 42(a)(b) u (e) u 188(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija, li minnha ghandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri biss.

3. Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' elf hames mija sitta u tletin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€1,536.52) li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu

[28] Ara xhieda tal-Ispettur Jonathan Ransley a fol. 67 tal-process.

preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**